# Il-Ħuttafa

## Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf



Żanżarell tal-Kullar

BirdLife MALTA

Numru 37
Marzu - April 2000

Ħuttaf

BirdLife MALTA





# GĦEŻIEŻ ĦUTTAF...

Il-Ħuttafa għalqet sitt snin! F'Marzu 1994 ħriġna l-ewwel waħda, u bqajna noħorġuha kull xaharejn bla ma qbiżna ħarġa waħda. Mhux talli hekk, imma maż-żmien il-magażin żidnilu l-paġni u anke bdejna darba f'sena ndaħħlulu l-kulur.

U issa **biċċa aħbar tajba...**

Ħbieb Ħuttaf, minn dil-ħarġa l-Ħuttafa se tibqa' toħroġ DEJJEM bil-kulur! Sewwa smajtu! BIL-KULUR, nies! Għalissa l-qoxra biss, 'il quddiem naraw!

Ħeqq, naħseb taqblu miegħi li n-natura sabiħa wisq biex tibqa' taraha black-and-white!

Imsomma, ftit ftit rabbejna magażin li f'Malta għad m'hawnx bħalu! Magażin kollu natura u affarijiet dwar l-ambjent naturali.

Dan kollu bis-saħħa tagħkom, għax mingħajrkom il-membri tagħna, Klabb Ħuttaf isir Klabb Fatat!

Ċaw ħbieb, u min għandu bird table ma jinsiex ifarrak ftit figolla għall-għasafar. Dawk jiġġennu għall-ħelu!

victor

**Victor Falzon**
L-Editur



**Morru l-GreenWeek 2000**
**6-9 April 2000**
**Żuru l-istand tal-BirdLife**

## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Trid Trabbi Ċiefa? | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| Kif mis-seba'... | 4 |
| Iż-Żanżarelli | 5 |
| Gallerija | 6 |
| Pranzu Ħurrieq! | 6 |
| Kompetizzjoni 37 | 7 |
| Kliem il-Bies | 7 |
| Attività | 9 |
| Prosit lil.. | 9 |
| Enerġija 4 - Nukleari | 10 |
| Offerta Speċjali | 11 |
| Daħħal Membru | 11 |
| Filfla | 12 |


Minħabba li dawn l-aħħar snin l-ispejjeż ta' stampar, posta, karti eċċ għolew waħda sew, se jkollna kontra qalbna ngħollu ftit il-miżata tal-Klabb. Minn April 2000, il-miżata se ssir Lm2 flok Lm1.50. (U iva, differenza ta' nofs lira - prezz ta' ġelat!)

**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo


**BirdLife Malta**
Indirizz: **57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **347646** Fax: **343239** email: **blm@orbit.net.mt**
Website: **www.waldonet.net.mt/birdlife/**



Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skop kummerċjali u dment li jissemma' isem il-magażin u li tintbagħat kopja tal-materjal lil BirdLife
Pubblikazzjoni: BirdLife Malta
Produzzjoni: Victor Falzon
Ritratt ta' quddiem: **Żanżarell tat-Tikki** (ritratt ta' Victor Falzon)
Ritratt ta' wara: **Filfla** (ritratt ta' Joe Sultana)
Films: Gutenberg Press. Stampat: Poulton's Print Shop, Marzu 2000


Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, lejliet kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu hendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Shubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.

# Raw il-Graw!

Kbar! Għonqhom twil. Saqajhom twal. Kważi dejjem tarahom fi qtajja'. Anke jekk m'intix dilettant ta' l-għasafar, tara qatgħa **graw** (common crane - *Grus grus*) xorta jimpressjonawk. Famużi wkoll għax jiżfnu, kif qed jagħmlu dawn tar-ritratt.

F'nofs Marzu smajna varji rapporti ta' qatgħat ta' graw ipassu minn fuq Malta. Qatgħa minnhom kienet ta' xi 60, u dehret fl-inħawi ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

F'Malta l-grawwa hija skarsa, u tista' tidher mill-ħarifa sar-rebbiegħa, l-aktar f'Diċembru.



**Dawn tar-ritratt huma graw ta' razza Ġappuniża. Li naraw Malta tkun griża, mhux bajda.**

# *Trid trabbi ċiefa?*




*BirdLife Malta Pictures*

Fuq ix-xellug taraw żewġ flieles taċ-ċiefa. Erġgħu ħarsu sewwa lejhom. Indunajtu hemmx xi differenza bejniethom? Hekk hu! Waħda minnhom hija soft toy!!! X'qed jagħmel hemm fuq il-blat dak is-soft toy!!

Dak is-soft toy huwa l-maskot ta' idea ġdida li qed tagħmel il-BirdLife dwar iċ-ċief. Iċ-ċiefa hija tajra tal-baħar li tbejjet ma' l-irdum. Min ġie xi darba magħna Ta' Ċenċ jisma' ċ-ċief inewwaħ jaf x'qed ngħidu!

Il-BirdLife ilha s-snin tistudja ċ-ċief u llum nafu l-istorja ta' ħafna minnhom sa minn mindu kienu għadhom bajda! Dan għaliex iċ-ċief spiss jerġa' lura biex ibejjet sena wara l-oħra fl-istess ħofor fl-irdum, u għalhekk l-istudjużi tal-BirdLife faċli jerġgħu jsibu l-istess għasfur fl-istess post sena wara l-oħra.

Issa l-idea hija din. **Qed inħajru n-nies jadottaw ċiefa!** X'jiġifieri? Jiġifieri għal somma żgħira (Lm6) il-BirdLife tagħżillek waħda miċ-ċief u din issir iċ-ċiefa speċjali tiegħek. Le, le, mhux naqbduha u nagħtuhielek! Imma minflok nagħtuk:

1) **ritratt taċ-ċiefa speċjali tiegħek**
2) **ċertifikat ta' "adozzjoni"**
3) **soft toy ta' fellus ta' ċiefa**
4) **l-istorja s'issa taċ-ċiefa tiegħek.**
5) **inżommuk infurmat dwar x'inhi tagħmel iċ-ċiefa, eż: meta ġiet lura, jekk biditx, jekk għandhiex frieħ eċċ.**

B'dan il-mod il-BirdLife tgħallem lin-nies dwar iċ-ċief, u fl-istess ħin niġbru xi flus biex jgħinuna fl-istudju tat-tajr tal-baħar.

Barra minn Malta din l-idea ssir bit-tigri, rinoċeronti, iljunfanti u xadini. Din l-idea qed taħdem ħafna ma' l-iskejjel li qed jieħdu sehem fid-Dinja Waħda. Din l-idea tajba ħafna għall-familja li tħobb l-annimali!!!



# Mid-Dinja

## Tajba jew Ħażina?

BBC WildLife Jan 2000



Il-Ġappuniżi jieklu ħafna laħam tad-dniefel u tal-balieni. Jistadu għalihom f'santwarju fejn dawn suppost protetti, jaqbdu iktar milli suppost, fi żmien li mhux suppost eċċ.

Issa xi xjenzati sabu li fil-baħar tant hemm tniġġis li l-laħam ta' dawn l-annimali jista' jikkaġuna mard fil-bniedem!! Ħafna ħwienet tal-laħam beżgħu u qed jikkanċellaw l-ordnijiet għal-laħam tal-baliena!

Allura din x'tiġi? Aħbar ħażina għax il-baħar imniġġes? Jew aħbar tajba għax se jinqatlu inqas dniefel u balieni?!!

# *Kif mis-seba' nieħdu l-id!*





# Iż-Żanżarelli

**Fost ħafna speċi t'għasafar li jżuru l-gżejjer Maltin waqt il-passa, insibu erba' speċi ta' żanżarelli. Dawn huma ż-żanżarell iswed, iż-żanżarell tal-kullar, iż-żanżarell tat-tikki u ż-żanżarell sidru aħmar. F'din il-ħarġa ser nagħtu ħarsa lejn l-ewwel tnejn.**

## Iż-Żanżarell Iswed



**Iż-żanżarell iswed** raġel huwa iswed minn fuq u abjad minn taħt. Għandu dabriet bojod silġ fuq il-ġwienaħ, u dabra bajda wara l-munqar. Saqajh huma suwed. Il-mara tkun kannella fil-griż minn fuq u bajda minn taħt, u hi wkoll għandha d-dbabar bojod fuq il-ġwienaħ. Il-frieħ jixbhu lin-nisa.

L-għajta taż-żanżarell iswed, li tismagħha spiss waqt li tkun berdwoċing fir-rebbiegħa, tixbah "bit,bit" u ġieli jagħti tisfira qasira "wit". Interessanti li meta ż-żanżarell iswed jittajjar minn fuq fergħa wara l-insetti, rari jerġa' lura fuq l-istess fergħa. Din l-imġiba tagħrfu miż-żanżarell tat-tikki, per eżempju.

Ingliż: **Pied flycatcher**
Xjentifiku: ***Ficedula hypoleuca***

Tpinġijiet meħudin mill-ktieb *Birds of Europe* ta' Lars Jonsson

Iż-żanżarell iswed u ż-żanżarell tal-kullar huma komuni fir-rebbiegħa bejn l-aħħar ta' Marzu u l-aħħar ta' Mejju (l-aktar f'April), u ftit skarsi fil-ħarifa bejn l-aħħar ta' Awwissu u Ottubru. Jidhru tista' tgħid kullimkien, imma jippreferu postijiet miftuħin b'sigar imxerrdin. Iħobbu joqogħdu wkoll fuq pjanti għoljin bħall-busbież u ferli. Postijiet bħall-Buskett jew il-ġnub tal-widien huma ideali.

Iż-żanżarelli huma għasafar fuq tagħhom ħafna u spiss tarahom jittajru wara l-insetti u jferfru l-ġwienaħ u d-denb. Mhux diffiċli li tosserva ż-żanżarelli, għalkemm tromba hija bżonnjuża biex tagħrafhom minn xulxin.

## Iż-Żanżarell tal-Kullar



**Iż-żanżarell tal-kullar** raġel jixbah liż–żanżarell iswed imma għandu kullar abjad madwar għonqu u dan jispikka ħafna. Minħabba l-kuntrast bejn l-iswed u l-abjad, iż–żanżarell tal-kullar raġel huwa wieħed mill-aktar għasafar attraenti li jidhru f'pajjiżna fir-rebbiegħa. Il-mara tixbah ħafna lill-mara taż-żanżarell iswed, għalkemm hija aktar fil-griż milli fil-kannella. Fil-fatt in-nisa mhux faċli tagħrafhom mingħajr esperjenza.

Il-frieħ huma l-istess bħan-nisa.

Ingliż: **Collared flycatcher**
Xjentifiku: ***Ficedula albicollis***

**Meta tkunu berdwoċing, tajjeb li żżommu nowtbuk u lapes u tieħdu n-noti dwar l-għasafar li taraw, mhux biss il-kuluri imma anke l-imġiba tagħhom. Dawn in-noti tistgħu anke jekk tridu tibagħtuhom lill-BirdLife. B'hekk dejjem naqsmu bejnietna t-tagħrif dwar l-għasafar.**

*Mark Falzon*

# Gallerija



**MALVIZZ**
Christine Saliba (11)



**DAQQUQA TAT-TOPPU**
Arthur Briffa (10)



**VENEWWA**
Earl Vella (12)



**BAHRIJA**
Roderick Galea (10)



**KAMALEJONT**
Alf Buhagiar (11)



**GHASFUR TA' SAN MARTIN**
Mandy Ciantar (10)



**TAJRA SAFRA**
Alessio Magro (12)



**FENEK**
Alison Fiott (12)

3



**PITIRROSS**
Karl Cortis (8)



**FERĦ TA' GRAWWA**
Andrew Zammit Cordina

Meta tpinġulna, użaw karta bajda, linka sewda u tpinġux bil-kulur. Tinsewx isimkom, l-età tagħkom u isem l-annimal jew pjanta. Agħmlu hekk, u t-tpinġija tagħkom tidher fil-magażin. Kull tpinġija li nġibu tieħu 3 punti fil-Ħuttafa tas-Sena.



## Pranzu Ħurrieq!

Naħseb li ħadd minnkom ma jħobbu l-ħurrieq! Jagħmel fjuri rqaq ħafna u bla gost, u fuq kollox iniggeż tingiż li tibqa' twaħwaħ bih is-sigħat!

Imma kontu tafu li l-weraq ta' dak il-ħurrieq huwa l-ikel tal-ferħ ta' dan il-ġmiel ta' farfett. Tant hu hekk li dan il-farfett ngħidulu l**Farfett tal-Ħurrieq**, (Red Admiral - *Vanessa cardui*) u huwa farfett tassew sabiħ. Iswed bellusi bi dbabar ħomor u tikek bojod. Żgur rajtu bħalu xi darba jixxemmex fuq xi ġebla. Dal-farfett ibid il-bajd fuq il-weraq tal-ħurrieq, u malli jfaqqsu l-frieħ jagħmlu festa minn din il-pjanta li tant joboghduha nies!

Mela jekk għandkom il-ħurrieq għadu qed jikber fil-ġnien, taqilgħuhx kollu kollu. Ħallu xi rokna mwarrba bi ftit pjanti tal-ħurrieq, u tafu ssibu x-xagħat ta' dan l-insett tal-ġenn.

# Kompetizzjoni 37




## *Tajr moħbi*

X'inhuma l-erba' għasafar moħbijin f'dawn l-istampi? Ikteb x'inhuma l-għasafar, flimkien ma' ismek u l-indirizz, u ibgħathom lil

**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**

mhux aktar tard mit-**30 April 2000**.

Ir-rebbieħ jingħata l-ktieb ***Bil-Bejta***.

Ftakru! Min iqasqas mill-magażin jiġi skwalifikat!

Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni 36 (li wkoll ma qasqasx mill-magażin!) huwa **David Attard** minn **Birkirkara**. David jista' jmur jiġbor il-ktieb li rebaħ miċ-Ċentru BirdLife f'Ta' Xbiex, mit-Tnejn sal-Ġimgħa (9-12am). Importanti li jieħu miegħu l-membership card.

# Tinsewx!

**Morru l-Green Week 2000**
**6-9 April 2000**
**Żuru l-istand tal-BirdLife**

**Isimgħu l-aħwa!**

Il-BirdLife għandha skoss *backnumbers* tal-magażin Il-Ħuttafa. Jekk tkunu tridu kopji ċemplulna (347646) jew iktbulna (57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex), għidulna liema numri tridu u aħna nibagħtulek il-kopji li tixtiequ. Kull kopja tiswa 25ċ (30ċ jekk bil-posta). Ħaffu, għax xi *backnumbers* se jispiċċawlna dalwaqt.




*Backnumbers* tal-Huttafa baqgħalna ta' kull ħarġa ħlief in-numri 1 u 3. Barra minn hekk baqgħalna waħdiet min-numri 2,4,5,7,17,19 u 29. Mill-oħrajn baqa' sew.


Mobile Phones
communicate to the world ...
with the latest models available from stock
Playstation
powerful gaming capability in your hands! ...
games, joysticks, cables
& other related accessories...
PlayStation
DVD Players
DVD VIDEO
enter in the world of digital video...
we offer a wide range of dvd players
& a vast dvd library for you to rent
Hi-Fi
amplify your music lifestyle...
we've got the right hi-fi equipment
to listen to your favourite tracks
1, Nau Street Luqa. Tel:







Haw' Ħbieb!

Aħbar tajba għandi did-darba għalikom (għalhekk nidher kburi u xxamplat fir-ritratt!)

Bħal ma żgur jafu dawk li ġew l-attivitajiet, is-sena l-oħra għamilna skoss attivitajiet mhux biss għall-Ħuttaf, imma wkoll għal tfal u żgħażagħ minn għaqdiet oħrajn. Kellna berdwoċing f'Marzu ma' membri tal-KNŻ (Kunsill Nazzjonali Żgħażagħ) għal Jum iż-Żgħażagħ, żjara lir-riserva tas-Simar f'Mejju flimkien man-Nature Trust (NT), barbikju u lejl Ta' Ċenċ f'Lulju flimkien man-NT. Imma bla dubju l-akbar attività kienet il-kamp ta' Settembru fejn ġew anke 13-il barrani biex jammiraw it-tajr tal-priża jpassi.

Ħafna xogħol, iva. Imma ma tarx mar-riħ. Kull sena jingħata premju lil xi għaqda taż-żgħażagħ li tkun għamlet xogħol siewi fis-soċjetà. U minn 35 għaqda li applikaw għal dal-premju s-sena l-oħra, BirdLife spiċċat finalista! Ta' dan ħadna ċertifikat, li issa jinsab indendel prominenti fiċ-Ċentru tal-BirdLife! U Lm50!

Għalhekk grazzi talli ġejtu l-attivitajiet. Inkomplu naħdmu għal aktar.

Justin




**Bħas-soltu daż-żmien tas-sena se norganizzaw żewġ ħarġiet għal Kemmuna. Dik il-gżira tas-skiet, tal-ġmiel u tan-natura. Kemmuna taf tkun tajba ħafna għall-għasafar. Fil-fatt hemmhekk il-BirdLife kull sena tagħmel studju importanti ta' l-għasafar bir-ringing li jdum sejjer xahar sħiħ. U aħna l-ħarġiet se nagħmluhom proprju fi żmien dan l-istudju - u jekk ikollna ċans immorru nżuru l-bird ringers tal-BirdLife. Bħalma għamilna s-sena l-oħra.**

**MELA QISU LI MA TITILFUHIEX!**



Fenek selvaġġ komuni fuq Kemmuna

| | |
|---|---|
| Dati: | **Ħarġa A - 16 April** |
| | **Ħarġa B - 30 April** |
| Prezz: | **Żgħar: Lm1.25** |
| | **Kbar: Lm1.75** |

Aktar dettalji lil min japplika

- **Ibbukkjaw bit-telefon** (347646, Mon-Fri, ħinijiet 9am-1pm) mhux aktar tard mit-**12 April 2000**
- **Aħsbu kmieni** - il-lanċa tieħu numru limitat ta' nies.
- **Tibagħtux flus** - ħallsu dakinhar tal-ħarġa stess.
- **Ġibu magħkom** ikel, xorb, beritta, nowtbuk, lapes, basket (l-aħjar minn dawk tad-dahar) u (jekk għandkom) tromba u gajd.
- **Iġġibux** radjijiet, blalen, frisbees eċċ.



*Għeżież ġenituri...*
*Nixtiequ li għal din il-ħarġa ma jiġix aktar minn ġenitur wieħed minn kull familja. Dan nagħmluh biex inħallu aktar post għall-membri stess, peress li n-numru limitat. Membri ta' taħt it-8 snin irid jiġi xi ħadd kbir (+14) magħhom. Grazzi ħafna*

**Ħafna minnkom talbuni biex nagħmlu ħarġa vera kmieni. Mela ara ġej...**

Data: **9 April 2000**
Niltaqgħu: **fis-6am ħdejn tal-Ħalib, Bieb il-Belt** jew **fis-6.30am il-pjazza ta' l-iMġarr** (Malta)
Mill-iMġarr nimxu sa Ras il-Pellegrin, ftit xagħri sabiħ. Imbagħad nimxuha max-xatt sa Ħad-Dingli. Naslu hemm f'xi l-4pm. Minn hemm naqbdu tal-linja lura l-Belt. Biżżejjed hekk?!

**Membri 13+**







Dawn il-Ħuttaf daħħlu membri ġodda fil-Klabb f'Jannar u Frar 2000. Prosit u 8 punti għal kull membru li daħħlu!

| | |
|---|---|
| **Anne Marie Camilleri (1)** | **Charlene Bonnici (3)** |
| **André Sciberras (3)** | **Sarah Jane Cauchi (1)** |
| **Darren Dalli (1)** | **Dawn Costa (1)** |
| **André Camenzuli (1)** | **Kyra Vassallo (4)** |
| **James Azzopardi (1)** | **Robert Said (1)** |
| **Ruth Aquilina (1)** | **Earl Vella (1)** |
| **Karl Aquilina (2)** | **Josef Baldacchino (1)** |

# Enerġija Nukleari




**L-enerġija nukleari hija enerġija li rat ħafna tmaqdir. Fis-snin ħamsin, meta skoprew dan il-metodu, kienu jaħsbu li l-enerġija nukleari se tkun l-enerġija tal-futur. Imma llum nafu li hemm problemi li jiġu id f'id ma' l-enerġija nukleari.**

**F'din il-ħarġa se naraw kif tinġabar din l-enerġija. Fil-ħarġa li jmiss naraw xi problemi jigu magħħa.**




**Il-proċess ta' kif issir l-enerġija nukleari**

**L-atomi**

Kollox huwa magħmul minn **atomi**. Atomi huma bħal boċċi żgħar immens, tant żgħar li lanqas bl-aktar mikroskopju qawwi tad-dinja ma nistgħu narawhom! Anke l-iċken nemla hija magħmula minn miljuni u miljuni ta' atomi. L-atomi mhumiex kollha l-itess. Fil-fatt hemm xi 220 tipi differenti, u ta' daqsijiet differenti. Hemm atomi ikbar u atomi iżgħar.

**Mhux kuntenti!**

Issa x-xjenzati sabu li l-atomi la jħobbu jkunu kbar u lanqas ikunu żgħar ħafna. Jippreferu jkunu ta' daqs medju. Għalhekk jekk jingħatw iċ-ċans, atomi żgħar jippruvaw jingħaqdu ħalli jikbru ftit, filwaqt li atomi kbar jinqasmu biex jiċkienu (kif jgħidu, fid-dinja donnu ħadd mhiu kuntent b'li għandu!!)

Għalhekk meta żewġ atomi żgħar ħafna jaħbtu, jingħaqdu u jsiru atomu ikbar. U waqt li jsir dan, jitilqu enerġija tremenda. Iva, enerġija ta' bomba nukleari!

Meta atomu mill-kbar jaħbat u jingħaqad ma' atomu miż-żgħar nett, jerġa' jinqasam. Waqt li jinqasam, dan ukoll jarmi enerġija qawwija ħafna.

*Reactor* nukleari huwa dak l-impjant fejn l-atomi jiġu mġiegħla jaħbtu ġo xulxin, biex b'hekk jipproduċu l-enerġija nukleari.

**Kif nużaw din l-enerġija**

Jekk ikun hemm l-ilma viċin meta dawn l-atomi jingħaqdu jew jinqasmu, l-enerġija li toħroġ minnhom tinġabar mill-ilma. Dan l-ilma jisħon u jsir fwar. U l-fwar bħas-soltu jintuża biex idawwar it-turbini li jagħtuna l-elettriku.

L-ewwel metodu ta' kif nieħdu l-enerġija nukleari mill-atomi kien billi ngħaqqdu żewġ atomi żgħar. Imma dan ma jsirx għax trid temperaturi tant għoljin li jinstabu biss fix-xemx!!!

It-tieni metodu kien billi naqsmu atomu mill-kbar fi tnejn. Dan ma jridx temperaturi daqshekk għoljin u fil-fatt huwa dan il-metodu li jużaw fil-pawerstejxins nukleari. Il-materjal li għandu atomi li l-aktar jinqasmu malajr huwa l-malfamat uranjum.

**Imma kif se naraw darb'oħra, anke dal-metodu fih il-periklu tiegħu.**

*JUSTIN VASSALLO*

# Tixtieq li dan ikun tiegħek?




Faċli! Jekk sat-**30 April 2000** inti tkun il-membru li daħħalt l-iktar membri fi Klabb Ħuttaf...
DAN IN-**NINTENDO 64** IKUN TIEGĦEK!

# Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u inti tieħu...




- ❑ Tliet pitazzi ta' l-għasafar
- ❑ Stiker bil-kulur ta' għasfur
- ❑ Tmien punti fil-Ħuttafa tas-Sena

Ħajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, tihom jimlew kopja ta' dil-formola, imla isfel id-dettalji tiegħek stess, u ibgħathomlna, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Data tat-Twelid ______________ Telefon ______________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Telefon ______________

Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!

Ibgħat kollox lil *BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12*
Tibgħatx flus bil-posta - ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta), postal order jew 34 bolla tas-6ċ

BirdLife
MALTA



# Filfla

**Żgħira fid-daqs**
**Kbira fin-Natura**